**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 16 t'April, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**-vs-**

**Antoine Grima, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 141389M**

***Kumpilazzjoni Nru. 964/2011***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Antoine Grima u ċioè talli:

> Fl-20 t' Awwissu 2011, matul il-jum u ċioe' għall-ħabta ta' nofs in-nhar u għaxar minuti, f'dawn il-gżejjer u ċioe' fi Triq Sir Adrian Dingli, tas-Sliema, kkommetta serq ta' 'handbag' kontenenti s-somma ta' madwar sitt mitt ewro fi flus kontanti u 'mobile phone' tal-marka Nokia mudell 7230 fost oġġetti oħra, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jeċċedi l-mitejn, tnejn u tletin ewro w erbgħa w disgħin ċenteżmu (€232.94c) iżda li ma jeċċedix l-elfejn, tlett mija w disgħin w għoxrin ewro w sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37c), u li seħħ għad-detriment tas-Sinjura Anna Maria Gauci u/jew ta' persuni oħra.

Rat illi waqt l-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2018, l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f' Awwissu 2011, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fis-16 ta' Jannar, 2018.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessa.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni tan-natura tar-reat li jinsab akkuzat bih l-imputat, tal-karattru refrattiv tieghu, tal-fatt li dan il-kaz jirrisali ghal 2011 u tac-cirkostanzi l-ohra tal-kaz partikolarment ta' dak li gie kkonstatat u rrikmandat mill-Ufficjal tal-Probation.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lil Antoine Grima taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn sabiex jinghata l-ghajnuna kollha necessarja, inkluz dik psikologika jekk hekk mehtieg, sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga kif ukoll jaghraf jikkumbatti l-problemi li spingewh lejn dan il-vizzju.

Tordna li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat ukoll lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**